MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# STQARRIJA GĦALL-MIDJA

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta hi bil-liġi obligata biex tirregola s-servizzi finanzjarji f'Malta u biex tippromovi l-interessi ġenerali u l-aspettattivi leġittimi tal-konsumaturi ta' servizzi finanzjarji. L-Awtorità hi awtonoma, imparzjali u tiffinanzja l-attivitajiet tagħha mill-ħidma tagħha stess, hi ħielsa minn kull indħil politiku u minn indħil minn dawk li għandhom liċenzja maħruġa mill- Awtorità.

L-Awtorità tirrikonoxxi li l-investituri fil-La Valette Multi Manager Property Fund(LVMMPF) u f'titoli oħra, bħal titoli perpetwi jew ibridi, sofrew bħala riżultat ta' bejgħ ħażin u ksur ieħor tal-kondizzjonijiet tal-liċenzja mill-Grupp tal-kumpaniji Bank of Valletta (BOV). Dawn l-investituri huma konxji li l-BOV u s-sussidjarji tiegħu diġà ġew immultati mill-Awtorità aktar minn Ewro700,000, għal dan il-ksur, u l-Awtorità bagħtet rapport dettaljat, bil-Malti u bl-Ingliż, lill-investituri kollha biex tispjega l-konklużjonijiet tagħha.

Minbarra s-sanzjonar tal-BOV, l-Awtorità qabbdet ditta ta' servizzi professjonali, għas-spejjeż tal-BOV, biex twettaq reviżjoni indipendenti ta' kull investiment fl-LVMMPF. Ir-reviżjoni tal-fajls li qiegħda titwettaq bħalissa se twassal għall-lista ta' investituri li għandhom jitħallsu kumpens. L-Awtorità obbligat lill-BOV li jħallas kumpens ieħor lil dawk l-investituri, kif ukoll lill-oħrajn li dwarhom kien diġà intlaħaq ftehim ta' ħlas ta' kumpens bejn l-Awtorità u l-Bank.

Fir-rigward l-investimenti fil-Lehman u titoli oħra ibridi u perpetwi, l-Awtorità qalet b'mod ċar fl-istqarrija tagħha tal-5 ta' Jannar 2012 li, fuq il-bażi tas-sejbiet tagħha, hija kienet irrakkomandat li l-Bank jikkumpensa dawk l-investituri preġudikati. Il-Bank diġà laħaq ftehim ma' numru ta' dawn l-investituri. F' ħafna każijiet oħra, madankollu, il-Bank mhux qed jaqbel mal-konkluzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Awtorità, u qed jirrifjuta li joffri

kumpens adegwat. Il-konkluzjonijiet u sanzjonijiet tal-Awtorità gew appellati mill-Bank u l-proċess ġudizzjarju għadu għaddej.

L-Awtorità temmen li qabel xejn xieraq li teżawrixxi l-possibbiltajiet kollha biex tinkiseb ir-restituzzjoni, u tinsisti li l-BOV jerfa ir-responsabbiltajiet tiegħu lejn dawn l-investituri, qabel ma l-każ imur il-Qorti.

Ta' min wiehed jinnota li, fil-parti kbira ta' aktar minn 20 kawża ġudizzjarji pendenti, depożituri tal-Bank ta' l-Industrija, Kummerċ u l-Agrikoltura (BICAL), li ssospenda l-operazzjonijiet tieghu fl-1973, għadhom qed jistennew għall-aħħar 20% tal-kapital li kien iddepożitat għand dak il-Bank. Għalhekk m'hemm l-ebda garanzija li l-azzjoni kontra BOV permezz tal-Qrati se tirriżulta fi ħlasijiet tempestivi lil investituri.

L-Awtorità qatt ma ħarbet mir-responsabbiltajiet li ittiha l-liġi, u mhux sejra iżomm lura milli tuża il-poteri kollha regolatorji u superviżorji tagħha, fil-ħin xieraq, u mhux qabel ma tkun esplorat il-possibbiltajiet kollha disponibbli.

**Communications Unit**
**Awtorità Għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**24 ta' Ottubru 2012**
**Ref: MFSA MR 05/2012**